

Brussell, 28 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5798/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0398(NLE)

SCH-EVAL 15
SIRIS 16
COMIX 43

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 28 ta' Jannar 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 5289/19 R-UE

Suġġett: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-**Latvja** tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-**Latvja** tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Jannar 2019.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-Latvja tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbiliet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni hu li jiġu rakkomandati azzjonijiet ta' rimedju lil-Latvja biex tindirizza nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) li saret fl-2018. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar Prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)6720.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) L-implimentazzjoni tal-funzjonalità ta' tfittxija tal-AFIS tas-SIS u integrazzjoni tal-AFIS tas-SIS mas-Sistema nazzjonali għall-Ipproċessar ta' Data Bijometrika; karatteristiċi faċli għall-utent tal-applikazzjoni REIS bħall-għodda ta' rappurtar tal-hits u komunikazzjoni bejn l-uffiċjali tal-fruntiera tal-ewwel u t-tieni linja u l-viżwalizzazzjoni ta' indikaturi ta' twissija; kif ukoll l-inklużjoni awtomatika ta' ritratti mal-allerti nazzjonali mir-reġistru nazzjonali u t-trasferiment tagħhom għall-allerti tas-SIS huma kkunsidrati bħala l-aħjar Prattika.
- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari l-obbligu li tintwera l-informazzjoni inkluża fl-allerti, li t-tiftixa fis-SIS tiġi integrata fl-applikazzjonijiet użati għat-tiftix, l-hemiż ta' ritratti u marki tas-swaba' kull meta jkunu disponibbli, li tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiti ta' sigurtà, li l-utenti aħħarin jingħataw taħriġ adegwat, jenħtieġ li tingħata prijorità li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet minn 1 sa 11 u minn 32 sa 36.
- (4) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Latvja, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tagħti dan il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li l-Latvja

1. tistabbilixxi għodda teknika jew proċedura ċara li tiżgura li r-ritratti u l-marki tas-swaba' jiddaħħlu kull meta jkunu disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 20 moqri flimkien mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament 1987/2006 u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;
2. tagħmel l-applikazzjonijiet IIIS u MobApp konformi mar-rekwiżiti ta' sigurtà elenkati taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;

3. tiżviluppa aktar l-opzjoni tat-tfittxija ġenerali fl-IIS biex tippermettilha tibgħat domandi lis-SIS bin-numri tal-passaporti kollha;
4. tiżgura li l-utenti jagħmlu domandi lis-SIS sistematikament billi tipprovdi funzjoni ta' tfittxija fis-SIS integrata fl-applikazzjoni tal-Formoli IIS;
5. tiżviluppa ulterjorment il-funzjonalità speċifika tal-applikazzjoni REIS biex turi l-informazzjoni rilevanti u disponibbli kollha f'konformità mas-sejbiet partikolari pprovduti fir-rapport għall-evalwazzjoni tal-Latvja tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen;
6. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni REIS biex tindika jekk l-azzjoni li trid tittieħed fil-każ ta' allert tal-Artikolu 36 hijiex verifika diskreta jew speċifika;
7. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni REIS biex telenka l-allerti disponibbli kollha fl-ewwel window;
8. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni REIS biex f'każi ta' identità użata ħażin turi kemm ir-ritratt tal-vittma kif ukoll tal-awtur tar-reat jekk ikunu disponibbli, b'indikazzjoni ċara ta' dawn il-kategoriji tal-aħħar;
9. tiżviluppa ulterjorment il-funzjonalità ta' tfittxija tal-applikazzjoni REIS f'konformità mas-sejbiet partikolari pprovduti fir-rapport għall-evalwazzjoni tal-Latvja tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen;
10. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni MobApp biex turi l-allerti kollha dwar l-istess persuna u turi t-"tip ta' reat";
11. tistabbilixxi proċedura għall-awtoawditjar sistematiku għall-monitoraġġ tal-log files u għodda ċentrali għall-analiżi tal-logs;
12. tirrieżamina r-regoli għall-ħolqien tal-allerti u tippermetti li l-applikazzjoni tal-Formoli IIS toħloq allert SIS awtomatikament b'possibbiltà li tiġi implimentata l-klawżola ta' proporzjonalità;

13. tkompli tiżviluppa s-sistema tal-proċess ta' ħidma ta' SIRENE biex tiżdied l-awtomatizzazzjoni, il-faċilità fl-użu u biex jiġi sostitwit l-iffajlar bil-karti;
14. tkompli tiżviluppa s-sistema tal-proċess ta' ħidma ta' SIRENE biex turi minnufih jekk id-data binarja ġietx meħmuża mal-allert nazzjonali mibgħut għall-validazzjoni;
15. tkompli tiżviluppa s-sistema tal-proċess ta' ħidma ta' SIRENE biex jiġnaqqas sostanzjalment il-ħin ta' risposta meta jinħolqu l-allerti;
16. tkompli tiżviluppa s-sistema tal-proċess ta' ħidma ta' SIRENE biex tinkludi awditu komprensiv u funzjonalità tal-illoggjar;
17. tiżgura li l-għadd ta' operaturi ta' SIRENE jikkorrespondi mal-kompiti assenjati lill-Uffiċċji SIRENE;
18. iżżid il-possibbiltajiet għat-taħriġ lingwistiku għall-operaturi ta' SIRENE;
19. tiżgura l-validazzjoni u l-ħruġ effettivi tal-allerti SIS barra mill-ħin tax-xogħol, b'mod partikolari biex jinħarġu allerti tal-Artikolu 32 dwar persuni neqsin u allerti tal-Artikolu 36(3);
20. timplimenta funzjonalità ta' konnessjoni disponibbli għall-utenti kollha meta joħolqu allerti u tagħti taħriġ dwar il-konnessjoni tal-allerti;
21. timplimenta aċċess dirett għas-SIS għall-uffiċjali tad-dwana;
22. timplimenta għodda għall-ġbir awtomatizzat tad-data statistika li tinkludi funzjoni li tagħti statistiki relatati maż-żona ġeografika jew l-użu tas-sistema minn awtoritajiet tal-utenti tas-SIS;

23. tkompli tiżviluppa l-wiri tar-riżultati tat-tfittxija fl-applikazzjoni IIS, b'mod partikolari biex tiċċara l-prijorità tal-allerti SIS fuq allerti tal-Interpol għall-utenti, biex turi l-azzjoni sħiħa li trid tittieħed immedjatament, biex ir-ritratti tagħmilhom faċilment aċċessibbli u biex timmarka l-azzjoni li trid tittieħed b'"ikkuntattja lil SIRENE minnufih";
24. ittejjeb il-faċilità fl-użu tal-funzjonijiet ta' domanda tal-applikazzjoni IIS billi żżid il-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' għażliet ta' tfittxija differenti ("fuzzy", "parzjali" u "kwalunkwe isem") fl-għażla tat-tfittxija ġenerali;
25. tintegra t-tfittxija għall-pjanċi tal-vetturi u għall-vetturi fl-applikazzjoni IIS;
26. timplimenta t-tfittxija b'bosta kategoriji (persuni u dokumenti) fl-applikazzjoni IIS;
27. ittejjeb l-illoggjar elettroniku fl-applikazzjoni IIS biex ikopri r-rekwiżiti ta' lloggjar kollha biex jiegħfu jintużaw il-logs bil-karti;
28. ittejjeb il-wiri tal-każijiet ta' identità użata ħażin fl-applikazzjoni IIS billi timmarka ċar min hi l-vittma u min hu l-awtur tar-reat;
29. ittejjeb il-wiri tar-riżultati fl-applikazzjoni REIS bi struttura iktar ċara biex tagħmel differenza bejn bosta hits u biex tindika ċar il-prijorità tal-hits fuq allerti tal-Artikolu 26;
30. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni MobApp biex timmarka azzjoni li trid tittieħed b'"ikkuntattja lil SIRENE minnufih", u biex turi markaturi ta' twissija wkoll fl-ewwel skrin bil-lista tal-hits u billi tintegra tabella ta' translitterazzjoni fl-applikazzjoni;
31. tagħmel il-formoli tar-rapportar tal-hits disponibbli fl-applikazzjonijiet għall-utenti u tikkunsidra li timplimenta rapportar tal-hits awtomatizzat lill-Uffiċċju SIRENE direttament mill-applikazzjonijiet;

32. tagħti taħriġ ta' segwitu regolari dwar is-SIS lill-utenti kollha;
33. tistabbilixxi sistema effiċjenti ta' kommutazzjoni awtomatika biex tiżgura l-kontinwità operazzjonali tas-SIS;
34. tiżgura l-backup xieraq tad-data N.SIS;
35. tistabbilixxi proċedura ta' eskalazzjoni formali f'każ ta' inċident N.SIS li tinkludi d-disponibbiltà tal-persunal tekniku f'kull ħin;
36. ittejjeb is-sigurtà fiżika ta' sit wieħed u tqiegħed b'mod sigur l-ixtillieri tat-TESTA-ng.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
